Rat l-atti tal-kompilazzjoni magħmula kontra l-imsemmija sitt imputati flimkien ma' Nazzareno sive Francis Grech talli (a) ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reati, liema reati fil-fatt sarux (b) attakkaw u għamlu reżistenza bi vjolenza u b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti; (c) volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu pilandra; (d) ikkaġunaw feriti ta' natura ħafifa, salv komplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Philip Scerri; (e) volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat u bil-ġlied; (f) waddbu ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsa b'periklu għal min ikun għaddej; (ġ) beżżgħu jew taw qtajja' lill-ħaddieħor b'mod li jistgħu jagħmlu ħsara; (h) ma' obdewx l-ordni leġittima tal-Pulizija; (i) ġrew bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez b'periklu li jaħbtu ma' xi ħadd u jweġġgħuh; (j) inġurjaw u heddew persuni oħra u barra minn dan (k) John D'Amato (i) saq il-karozza numru 62861 b'manjiera perikoluża, għaldaqstant il-Qorti ġiet mitluba li tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni ebda liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet xhur u (ii) waqt li kien isuq il-karozza 62861 naqas li jobdi s-sinjali mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kien jidderiġi t-traffiku.

Rat a fol. 85 tal-inkartament in-nota tal-Avukat Generali tal-Kuruna tat-28 ta' Lulju, 1974 li biha l-istess atti ġew mibgħuta lura lill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali a tenur ta' l-artikolu 445(5) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeċiedi dwar il-ħtija jew ħtijiet li jistgħu jinstabu kontra l-imputati kollha (A) taħt dak li hemm maħsub fl-artikoli: (i) 94 b'riferenza għall-artikoli 353(1)(b) u 353(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali; (ii) 68(2)(3); (iii) 235(1); (iv) 352(cc); (v) 352(aa) tal-Kodiċi Kriminali; u (B) Kontra l-imputat John D'Amato wkoll fl-artikolu 14(1)(a)(3) tal-Kap. 105;

Rat is-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija tal-I5 ta' Novembru, 1974 li biha wara li semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' l-imputati Chircop, Bartolo, D'Amato u Micallef kif ukoll dik ta' Grech) iddeċidiet billi, wara li ddikjarat lill-imputat Grech mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, sabet lill-imputati Carmelo Farrugia, Ġamri Micallef, Philip Bartolo u Vincent Borg Bonaci ħatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 68 (2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12); lill-imputat Borg Bonaci ħati wkoll tar-rejat kontemplat fl-artikolu 353(1)(b) ta' l-istess Kodiċi iżda dan hu assorbit fir-rejat l-ieħor ġa ċitat; lill-imputat Victor Chircop ħati tar-rejat kontemplat fl-artikolu (68)(2)(3) u tar-reat kontemplat fl-artikolu 235(1) tal-Kodiċi Kriminali; lill-imputat john D'Amato ħati tar-rejat taħt l-artikolu 68(2)(3) u 352(cc) tal-istess Kodiċi u ta' sewqan b'manjiera traskurata u lill-imputati mhux ħatja tar-rejati l-oħra dedotti kontra tagħhom bin-nota ta' l-Avukat Generali tal-Kuruna u wara li rat l-artikoli (68)(2) u (3), 235(1) u 352(cc) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 14(1)(a)(3) tal-Kap. 105, ikkundannat lill-imputat Carmelo Farrugia, Ġamri Micallef, Vincent Borg Bonaci u Philip Bartolo għall-multa ta' ħames liri (Lm5) u lill-imputati Victor Chircop u John D'Amato għall-multa ta' seba' liri u ħamsin ċenteżmu (Lm7.5O,O) u ssospendiet il-liċenzi kollha tas-sewqan ta' John D'Amato għal perjodu ta' tmint ijiem, u dana wara li kkunsidrat:

"Illi r-rejati dedotti kontra kull wieħed mill-imputati huma:

(a) li bla ma jidrob jew isawwat, hedded b'ġebel jew ħwejjeġ oħra jew inġurja l-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt jew minħabba li jkun jagħmel dan is-servizz;

(b) ħa parti attiva f'ġemgħa ta' nies, ta' għaxra jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu rejat;

(ċ) ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna;

(d) ma obdiex l-ordni tal-Pulizija;

(e) ġera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez b'periklu li jaħbat ma' xi ħadd u jweġġgħu;

Barra minn dan kontra John D'Amato hemm dedott ukoll ir-rejat ta' sewqan b'manjiera perikoluża.

"Illi l-każ ta' kull wieħed mill-imputati għandu jiġi eżaminat separatament sabiex jiġi stabbilit dak li jirriżulta kontra jew favur kull individwu.

"Illi l-inċidenti li wasslu għal dan il-każ ġraw waqt *"meeting"* li kien qiegħed jinżamm mill-Partit Nazzjonalista fil-Pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ fit-12 ta' Mejju, 1974. Waqt dan il-meeting kien hemm tlett inċidenti separati li ġraw f'postijiet u ħinijiet differenti għalkemm it-tlieta konnessi ma' l-istess ħaġa;

"Illi l-ewwel inċident ħdejn il-każin tal-*"football"* Żebbuġ Rangers. Waqt il-"meeting", fil-ħin li kien jitkellem il-Prokuratur Legali Louis Galea, xi nies li kienu ħdejn il-każin bdew jibbuwjaw fil-waqt li xi nies minn tal-*"meeting"* oġġezzjonaw għal dan u resqu lejn il-każin. Intefa' xi ġebel min-naħa u tazza tè u affarijiet oħra min-naħa l-oħra. In-numru tan-nies li resqu lejn il-każin kien iżjed minn għaxra.

"Iktar tard, waqt li kien qiegħed jitkellem Dottor Guido Demarco instema' wkoll xi għajjat u buwjar minn grupp ta' nies li kienu quddiem il-każin tal-Banda San Filep. Intefa' anki xi ġebel. Din id-darba wkoll folla ta'nies, aktar minn 10, marret għal dan il-grupp u ntefgħu xi ġebel ukoll;

"Wara li spiċċa l-*"meeting"* u n-nies tal-*"meeting"* kienu sejrin biex jirkbu l-*'privates'* inqala' inċident quddiem il-każin tal-*Malta Labour Party.* Kif beda l-inċident ma jirriżultax iżda jirriżulta li ntefa' ġebel min nies tal-*"meeting"* u minn fuq il-bejt tal-każin.

"Kulma jirriżulta kontra Nazzareno Grech huwa li xhud rah qalb ġemgħa ta' nies fejn il-każin tal-banda. L-istess xhud qal li ma rah jagħmel xejn. Il-preżenza biss ta' individwu fil-folla mingħajr xi att estern li juri approvazzjoni jew diżapprovazzjoni mhux biżżejjed biex jitqies li ħa parti attiva f'ġemgħa ta' nies. Għalhekk għar-rigward ta' dan l-imputat ma jistax jingħad li rriżulta ebda reat.

"Fil-konfront ta' Carmelo Farrugia jirriżulta li ħa parti attiva fil-ġemgħa ta' nies li ħadet parti fl-inċident ħdejn il-każin tal-banda ġa msemmija. Ma jirriżultax li

# ĠABRA TA' APPELLI KRIMINALI

ħa ebda parti fl-inċidenti l-oħra.

"Fil-konfront ta' Ġamri Micallef jirriżulta wkoll li ħa parti fl-inċident ta' fejn il-każin tal-banda. Rigward l-inċident li sar fejn *M.L.P.Club* irriżulta mix-xhud P.C. 893 Louis Cassar li dan kien qiegħed jimbotta ħafna lil tnejn minn sħabu. Dan l-aġir ma jindikax li ħa parti attiva ma' dik il-ġemgħa ta' nies iżda juri li kien qiegħed jipprova jnaqqas l-inċident.

"Fil-konfront ta' Vincent Borg Bonaci jirriżulta li ħa parti attiva fl-inċident ta' ħdejn il-*M.L.P. Club* u li tefa' xi ġebel.

"Irriżulta li Victor Chircop ħa parti tant fl-inċident ta' ħdejn il-każin tal-*"football"* kif ukoll dak ta' fejn il-każin tal-banda. Irriżulta wkoll li kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Philip Scerri.

"Fil-konfront ta' Philip Bartolo irriżulta li ħa parti fl-inċident ta' fejn il-każin tal-*"football'* u ta' fejn il-każin tal-banda.

"Fl-aħħarnett kontra John D'Amato jirriżulta li ħa parti fl-inċident ta' fejn il-każin tal-"football' u ta' fejn il-każin tal-banda. Barra minn dan irriżulta li saq karozza bi "speed" ta' 30/35 mil fis-siegħa, u m'obdiex l-ordni lilu mogħtija mill-Pulizija biex ma jidħolx f'Sciortino Street.

"Skond ix-xhud P.C. 848 A. Spiteri, D'Amato kien għaddej b'dak li *'speed'* fil-ħin li kien hemm xi nies fit-triq, bħal meta tispiċċa quddiesa u baqa' sejjer sa fejn il-bust ta' Dun Karm. Hemm kien hemm P.C. 868 li waqqfu u qallu biex idur lura. D'Amato waqaf u dar lura. P.C. 423 P. Magri xehed li kien hemm ħafna nies iżda in kontro-eżami qal li meta D'Amato wasal fejn kien hemm ħafna nies f'Sciortino Street, waqaf u ma baqax dieħel fuqhom u li minn fejn kien għaddej bil-35 m.p.h. ma kienx hemm ħafna nies.

"Fil-fehma tal-Qorti dak li jirriżulta dwar sewqan minn D'Amato ma jikkostitwix sewqan b'manjiera perikoluża iżda min-naħa l-oħra ma jistax jingħad li huwa sewqan normali. Sewqan bħal dan taħt dawk iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxi sewqan b'manjiera traskurata".

Rat a fol. 101 ir-rikors ta' l-imsemmija imputati barra Grech (li ġie illiberat interament) li bih talbu li s-sentenza tiġi revokata u li huma jiġu lliberati minn kull imputazzjoni u piena u dana fuq il-motivi, *inter alia,* li r-reat ta' attruppament ma jirriżultax u lanqas ma jirriżultaw ir-reati l-oħra dedotti kontra tagħhom individwalment.

Semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:

Illi kwantu għall-appelli ta' Vincent Borg Bonaci u John D'Amato dawn ġew dikjarati deżerti a termini ta' l-art. 434 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk jibqa' għal konsiderazzjoni l-appell ta' l-erba' imputati Farrugia, Chircop, Bartolo u Micallef.

Illi l-ewwel gravam li għandu jiġi kkunsidrat f'din is-sentenza hu dak imressaq mill-erba' appellanti li r-reat ta' attruppament ma jirriżultax;

Illi *sta di fatto* kif jidher ampjament mis-sentenza appellata li apparti l-offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Philip Scerri li tagħħa l-appellant Chircop ġie misjub ħati separatament mir-reat ta' attruppament - l-erba' appellanti ġew misjuba ħatja biss talli ħadu parti attiva f'attruppament illegali, jiġifieri f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar miġbura bil-ħsieb li jikkommettu reat u li dan ir-reat l-ieħor sar, ċjoe ġew rnisjuba ħatja tar-reat kontemplat fis-sub-artikolu (2) ta' l-art. 68 tal-Kodiċi Kriminali, bl-aggravanti, taħt is-sub-artikolu (3) ta' l-attwali kommissjoni tar-rejat l-ieħor li l-ġemgħa kellha f'moħħha li tagħmel. Iżda fl-ebda ħin fis-sentenza ma ntqal liema kien dan ir-reat l-ieħor li l-kommissjoni tiegħu tikkostitwixxi skond id-dottrina u l-ġurisprudenza u l-istess kelma tal-liġi (ara Appell Kriminali Il-Pulizija vs Bonnici, Vol. XXVII, IV, 783) l-element intenzjonali tar-reat ta' attruppament anki fil-forma mhux aggravata tiegħu, ċjoe il-*"common design"* jew *"purpose"* kriminu li jikkonverti ġemgħa minn waħda innoċenti għal waħda illegali, b'dan li kif ukoll hu kostantement aċċettat fl-interpretazzjoni ta' dana l-artikolu tal-Kodiċi dik l-intenzjoni *"to commit an offence"*, trid tkun tal-ġemgħa stess u mhux ta' l-individwu iżolat;

Illi l-ewwel Qorti *del reste* lanqas ma setgħet tagħmel mod ieħor għax la l-Pulizija fiċ-ċitazzjoni u lanqas l-Avukat Ġenerali (ara n-nota ta' rinviju a fol. 85), kontra s-solita prattika, ma indikaw liema kien dan ir-rejat li l-ġemgħa kollha kien fi ħsiebha li tikkommetti, anzi jidher ċar u manifest mit-termini ta' dawk iż-żewġ stadji ta' l-akkuża li r-rejat ta' attruppament tħalla iżolat għal kollox waħdu u r-reati l-oħra, li minnhom wara kollox l-appellanti ġew illiberati (dana s'intendi dejjem qed jingħad apparti mir-rejat l-ieħor ta' offiża ħafifa dedott kontra l-appellant Chircop waħdu) ġew imdaħħla f'każi separati ta' imputazzjoni distinti minn dak ta' l-attruppament. Għall-prattika fuq imsemmija ara l-Appelli Kriminali Zammit, Vol, XXI, IV, 33 Bonnici, ġa fuq ċitat Pisani, Vol. XXVIII, IV, 172; Bigeni Vol. XXXII, IV, 849 u fost l-iktar reċenti Emie, Spiteri, 18 ta' Lulju,1973 Salvatore sive Silvio Galea et, ta' Mejju, 1975 (rinviju a fol. 106 tal-proċess relattiv); Carmelo sive Charles Seguna u Martin Attard, li minnhom aħħar tnejn għadhom pendenti, u li fihom kollha ssir riferenza speċifika għar-rejat maħsub mill-assemblea llegali anki meta dan ma jkunx laħaq sar. Hu ċar li akkuża u dikjarazzjoni ta' reati f'termini hekk vagi u ġeneriċi bħal ma ġara f'dan il-każ, speċjalment meta l-appellanti ġew illiberati mill-imputazzjonijiet l-oħra dedotti separatament, ma tistax treġi, b'mod li ma jistgħux jiġu ravviżati l-element essenzjali ta' l-attruppament. Kif hu risaput, imbagħad, l-imputazzjoni ma tistax tinbidel f'dan l-istadju biż-żieda, ma' l-hekk imsejjaħ rejat ta' attruppament tar-reat li l-folla kellha intenzjoni komuni li tikkommetti. Ikkunsidrat:

Illi kwantu għall-akkuża separata u distinta kontra l-appellant Chircop dwar l-offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Philip Scerri, jidher li hemm konflitt ta' provi. Kontra x-xhieda ġuramentata ta' Scerri li kien l-appellant, Chircop li tah id-daqqa ta' ponn in kwistjoni hemm ix-xiehda ġuramentata ta' l-appellant li jiċħad dan il-fatt. L-elementi indizjarji li hemm fil-proċess dwar il-kredibilita rispettiva tagħhom ma jwasslux biex wieħed jiżbilanċja lill-ieħor, anzi jkomplu jiġġeneraw iktar dubju u skond ix-xiehda ta' l-istess Spettur Joseph Gauci (fol. 31) jirriżulta li hu veru dak li xehed l-appellant li hu kien qala' daqqa ta' ġebla. Din minn x'imkien ġiet u l-Qorti għandha tifhem, miċ-ċirkostanzi, li x'aktarx mhux min-naħa tiegħu. Ix-xhud Deguara (fol. 47) qal li wara li qala' d-daqqa ta' ponn Scerri qallu li kien "Vitor il-modi" li tahielu. Iżda apparti n-natura sekondarja ta' din il-prova, u apparti li ma saret ebda prova li l-appellant għandu dan il-laqam, ix-xhud Aquilina (fol. 48), li skond Deguara suppost li sema' dawk il-kliem ta' Scerri, lanqas ma jikkorroborah. L-ebda membru tal-Pulizija jew xi ħadd ieħor mid-diversi nies preżenti ma seta' jidentifika lill-appellant bħala l-bniedem li ta dik id-daqqa ta' ponn lil Scerri. Dan, verament, lanqas ma hu sorprendenti għax kif xehed anke is-Surgent Haber (fol. 49) " kien hemm konfużjoni sħiħa", kif *del reste* jidher anki mis-sentenza appellata. Fiċ-ċirkostanzi, jonqos dak il-grad ta' ċertezza morali *"beyond reasonable doubt"* meħtieġ skond il-liġi għal konvinċiment tal-ġudikant fid-dawl tal-piż tal-prova mix ħut fuq il-prosekuzzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti.


ALUMINCO A.E.
Cast aluminium rails for balconies and fences, internal and external staircases, gates, garden furniture and lightings. All available in a wide range of designs.
Kirsch®
WE DO WINDOWS BEAUTIFULLY.
PREFINISHED PARQUET
Carmelo Gauci Ltd
St. Venera.
Telephone 44 57 17 - 44 38 61 - 44 67 05 - 44 96 51
Telefax: 49 28 46


LÖWENBRÄU
Your favourite Lager...The better Lager
LÖWENBRÄU
LAGER

# Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D. 1887-1954

Ftit wara, huwa kellu jħalli din il-kariga mportanti meta kien ġie maħtur Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell fl-l ta' Jannar, 1941. Kien SIR GEORGE BORG meta, bħala ċ-ċittadin ewlieni ta' Malta, huwa kellu l-unur li jaċċetta f'isem il-poplu ta' dawn il-Gżejjer, il-"*George Cross*" mogħti lil Malta mill-Maesta Tiegħu r-Re Gorg VI, okkażjoni li nitkellmu dwarha aktar 'il quddiem.

### Il-"GEORGE CROSS"

Ma nistgħux insemmu jew niktbu dwar SIR GEORGE BORG jekk ma nsemmux l-għoti tal-"*George Cross*" lil Malta mill-Maestà Tiegħu r-Re Gorg VI fis-sena 1942.

Fil-15 t'April 1942, il-Maestà Tiegħu r-Re Gorg VI għoġbu jagħti l-"*George Cross*" lill-Gżira ta' Malta, u ħames xhur wara, Lord Gort, il-Gvernatur Ingliż f'Malta f'dik il-ħabta, kien ikkonsenja din id-dekorazzjoni lill-poplu Malti f'ċerimonja pubblika fil-Belt Valletta.

Il-"*George Cross*" ġie istitwit b' "*Warrant*" Irjali li jġib id-data ta' l-24 ta' Settembru, 1940. Kif kien stqarr ir-Re nnifsu f'xandira li kien għamel fil-jum ta' qabel lill-poplu ta' l-Ingilterra u ta' l-Imperu, din id-dekorazzjoni kien waqqafha biex jingħata ġieħ mistħoqq lil dawk kollha li jwettqu għemil ta' qlubija f'dawk iż-żminijiet imwiegħra tal-Gwerra. Skond ir-regoli mxandrin f'dan il-"*Warrant*" Irjali, l-"*George Cross*" kellu jingħata biss bħala rikonoxximent ta' għemil ta' qlubija eċċezzjonali u f'ċirkostanzi fejn kien jintwera kuraġġ tabilħaqq qalbieni f'sitwazzjonijiet ta' periklu tassew kbir.

Il-"*George Cross*" huwa magħmul minn salib tal-fidda b'medaljun tond fin-nofs li fuqu hemm minquxa x-xbieha ta' San Ġorġ fuq id-dragun. Madwar dan il-medaljun, hemm il-kitba "*For Gallantry*" u fuq kull rokna tas-salib tidher iċ-ċifra rjali "G.VI.". Fuq in-naħa ta' wara, jitniżżel l-isem ta' dik il-persuna li tkun rebħet din id-dekorazzjoni. Fil-każ tal-"*George Cross*" ippreżentat lil Malta, il-kitba fuq wara tgħid: "*To the Island of Malta 15 April, 1942*".

Dan l-għoti tal-"*George Cross*" lil Malta huwa meqjus bħala ġieh uniku minn diversi aspetti għaliex, qabel kollox, dan l-unur kien ingħata mhux lil




xi persuna ndividwali, iżda lil Ma lta bħala pajjiż shiħ. Minbarra hekk, bħala regola, dawk kollha li kienu jirċievu din id-dekorazzjoni kienu jiġu ppubblikati uffiċjalment fil-"*London Gazette*". Iżda l-każ ta' Malta kien l-uniku eċċezzjoni f'din il-proċedura, għaliex il-"*George Cross*" kien ġie mogħti lil Malta mir-Re personalment permezz ta' ittra awtografata li ġġib id-data tal-15 ta' April, 1942.

Din l-ittra, miktuba fuq karta li ġġib l-Arma Rjali mibgħuta minn Buckingham Palace u ndirizzata personalment lill-Logutenent General Sir William Dobbie, Gvernatur ta' Malta, tgħid hekk:

*Il-Gvernatur,*
*Malta.*
*'Biex inrodd ġieħ lill-qalbieni poplu tagħha, jiena nagħti l-"George Cross" lill-Gżira Fortizza ta'Malta bħala xhieda ta'qlubija u lealtà li jibqgħu jissemmew fl-istorja".*
*April 15, 1942.*

(Fta) GEORGE R.I.

Il-Gvernatur Dobbie kien pront wieġeb lir-Re permezz ta' ittra li tgħid hekk:

*"Il-poplu u l-Forzi Armati ta' Malta japprezzaw ħafna l-ħsieb tal-Maestà Tiegħek għall-għoti ta' dan l-unur uniku lil din il-Gzira Fortizza. L-għoti ta' dan l-unur kebbes fihom kuraġġ kbir u kulħadd jinsab determinat li bil-għajnuna tal-Mulej, Malta ma ċedi qatt u tibqa' tirreżisti u tissielet sakemm fl-aħħar tinkiseb ir-rebħa...."*

Fis-7 ta' Mejju, 1942, Lord Gort ġie maħtur Gvernatur minflok Dobbie. Lord Gort kien meqjus bħala wieħed mill-aktar qalbenin fl-Armata Ngliża. Infatti, matul il-karriera militari tiegħu, Lord Gort kien rebaħ bosta dekorazzjonijiet prestiġġjużi fosthom il-"*Military Cross*", id-"*Distinguished Service Order*" u fl-aħħarnett il-"*Victoria Cross*", meqjus bħala l-ogħla dekorazzjoni li wieħed jista' qatt jikseb għall-qlubija tiegħu. Il-"*George Cross*" mogħti lil Malta ġie mwassal fi Gżiritna minn Lord Gort innifsu, iżda minħabba li l-qagħda f'Malta f'dak iż-żmien kienet imwiegħra għall-aħħar, il-preżentazzjoni uffiċjali tħalliet għal data aktar tard.

Wara kważi ħames xhur, kien ġie deċiż li ċ-ċerimonja uffiċjali għal din il-preżentazzjoni kellha ssir nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 1942 fil-pjazza ta' quddiem il-Palazz tal-Gvernatur il-Belt Valletta fid-disgħa u kwart ta' filgħodu. F'din l-okkażjoni, stakkament tar-"*Royal Malta Artillery*" kellu jagħmel Gwardja ta' l-Unur.

F'din iċ-ċerimonja storika, ħadu sehem il-Banda tal-"*King's Own Malta Regiment*", stakkamenti tal-Pulizija ta' Malta, li "*Special Constabulary*", u l-"*A.R.P. (Air Raid Precautions Organization)* flimkien ma' oħrajn tan-Navy Ingliża, tal-Militar u tar-"*Royal Air Force*". Fil-pjazza, kienu preżenti wkoll il-Membri tal-Kunsill Eżekuttiv, Monsinjur Dom Mauru Caruana, O.S.B., Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex u Monsinjur Emanuele Galea, Isqof Titulari ta' Tralles, flimkien ma' kotra kbira ta' Maltin li marru jassistu għal din l-okkażjoni storika. Il-pjazza ta' quddiem il-Palazz kienet f'dik il-ħabta imdawwra b'ħafna bini mwaqqa' milqut mill-bombi ta' l-għadu fosthom l-istess Palazz tal-Gvernatur li kien għadu kemm ġarrab bosta ħsarat.

Lord Gort wasal fil-pjazza akkumpanjat minn SIR GEORGE BORG, il-Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell meqjus bħala ċ-

***ikompli f'paġna 38***

ikompli minn paġna 37

ċittadin ewlieni ta' Gżiritna. Il-"*George Cross*" u l-ittra tar-Re twasslu mill-Kummissarju tal-Pulizija s-sur J.E. Axisa.

F'diskors li għamel f'din l-okkażjoni, Lord Gort stqarr li huwa kien fdat li jwassal il-"*George Cross*" f'Malta u fuq ordni tar-Re, huwa kien issa qiegħed jippreżenta din id-dekorazzjoni lill-poplu Malti, mogħtija mir-Re bħala rikonoxximent tas-servizz qalbieni li l-poplu offra biex jiddefendi l-libertà ta' dawn il-Gżejjer. Wara d-diskors tiegħu, Lord Gort ippreżenta l-"*George Cross*" flimkien ma' l-ittra tar-Re lil SIR GEORGE BORG li aċċetta din id-dekorazzjoni f'isem il-poplu Malti.

Wara din il-preżentazzjoni, SIR GEORGE BORG wieġeb b'diskors imqanqal li fih huwa wera l-gratitudni tiegħu li f'isem il-poplu ta' dawn il-Gżejjer, huwa kellu l-unur jirċievi l-"GEORGE CROSS" li kien tabilħaqq simbolu mill-isbaħ tar-rabta qawwija tal-poplu Malti mal-Kuruna Ngliża li fiċ-ċirkostanzi ta' dawk iż-żminijiet, kienet toffri l-aqwa garanzija għas-sigurtà ta' pajjiżna u taċ-ċiviltà kattolika li kien iħaddan.

SIR GEORGE BORG esprima l-apprezzament tiegħu f'isem il-poplu Malti għall-fatt li din kienet l-ewwel darba fl-istorja li pajjiż ta' l-Imperu Ngliż kien ġie mżejjen b'dekorazzjoni tar-Re. Huwa feraħ lil niesna li kienu kisbu dan l-unur singolari għall-qlubija kbira li huma kienu wrew matul dawk iż-żminijiet diffiċli mtaqqlin b'tiġrib kbir.

Fid-diskors tiegħu, SIR GEORGE BORG fakkar kif fis-sena 1800, missirijietna kienu fdaw il-ġejjieni tagħhom fl-għaqda ma' l-Ingilterra u għaldaqstant, huma ħalfu l-lealtà tagħhom favur il-protezzjoni tal-Kuruna Ngliża. Huwa qal li matul iż-żminijiet ta' l-imgħoddi, l-poplu Malti minn dejjem għamel ħiltu kollha biex jibqa' jgħożż il-libertà. Kien dan il-ħsieb patrijottiku li ħeġġiġhom biex jissieltu u jilqgħu t-theddida ta' l-Imperu Ottoman meta waqt l-Assedju l-Kbir tas-sena 1565, huma ġġieldu spalla ma' spalla mal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann biex ixejnu l-qilla tan-Nofs Qamar li ried jaħtaf lil Malta.

SIR GEORGE BORG kompla jgħid li aktar tard, il-poplu Malti reġa' wera l-qlubija tiegħu meta qam u ħadha kontra l-qawwa ta' l-armata Franċiża u rnexxielu jegħleb l-arroganza u l-intimidazzjoni ta' Napuljun. SIR GEORGE BORG temm id-diskors tiegħu billi stqarr is-sodisfazzjon u l-ferħ tiegħu li matul iż-żmien imqalleb tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-poplu Malti ingħaqad u għamel ħiltu kollha biex bi spirtu tassew qalbieni u b'rieda ta' l-azzar, huwa afferma għal darb'oħra l-fidi tiegħu fil-protezzjoni Ngliża li għalih, f'dawk iċ-ċirkostanzi ta' tiġrib kbir, kienet garanzija meħtieġa biex pajjiżna jkompli jgawdi u jibqa' jgħożż il-ħelsien minn kull jasar ta' l-għadu.

## L-INGRESS TA' L-ARĊISQOF MIKIEL GONZI, 1944

Okkażjoni memorabbli u storika li fiha SIR GEORGE BORG ħa sehem attiv kienet dik ta' l-Ingress Solenni fil-Katidral ta' l-Imdina ta' Monsinjur Mikiel Gonzi bħala l-Arċisqof il-ġdid ta'



Malta li kien sar nhar it-Tnejn, 22 ta' Mejju, 1944. Infatti, minbarra li huwa kien wieħed mit-tmien firmatarji ta' l-Att tal-Pussess ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi li kien sar fil-Katidral ta' l-Imdina nhar il-Ħadd, 30 t'April, 1944, SIR GEORGE BORG kien ukoll wieħed mill-mistednin distinti li attendew għall-pranzu uffiċjali li kien sar fil-Palazz ta' l-Arċisqof fl-Imdina wara li ntemmet il-funzjoni reliġjuża fil-Katidral.

Għall-ġieħ l-istorja ngħidu li s-seba' firmatarji l-oħrajn f'din iċ-ċirkostanza storika kienu Dr. Luigi Galea, l-Avukat tal-Kuruna, in-nobbli Markiż Paolo Nicola Apap Bologna, l-Imħallef Professur Edgar Ganado, Sir Philip Pullicino, il-Markiż John Scicluna, l-Imħallef Robert Ganado, u l-Professur Albert Victor Bernard, il-Kap tad-Dipartiment tas-Sanita'.

Skond drawwa qadima, l-Arċisqof jidħol fl-Imdina riekeb fuq debba bajda taħt baldakkin. F'din l-okkażjoni, d-debba li fuqha rikeb l-Arċisqof Gonzi kienet miżmuma bir-riedni f'idejn SIR GEORGE BORG u l-Markiż John Scicluna. Il-baldakkin ġie merfugħ minn tmien membri tan-Nobbiltà Maltija: Il-Baruni Testaferrata Abela, il-Baruni De Piro D'Amico, il-Konti Chapelle Paleologo, il-Baruni Trapani Galea, il-Konti Sant Fournier, il-Markiż Apap Bologna, il-Baruni Borg Carabott u l-Markiż Formosa Gauci.

Mill-Knisja Agostinjana ta' San Mark, l-Arċisqof tmexxa għal fuq is-Saqqajja u minn hemm daħal l-Imdina, għadda minn taħt Ark Trijonfali armat apposta u minn hemm, mar dritt għall-Ingress Solenni tiegħu fil-Katidral.

Quddiem l-Arċisqof, mexa l-Kanċillier Monsinjur Enrico Bonnici, riekeb fuq żiemel, bis-salib arċiveskovili. Iż-żiemel kien immexxi mis-sur Edgar G. Montanaro, Segretarju tal-Kumitat organizzattiv tal-Festi u n-nobbli Severino Manduca. Fil-korteo, ħadu sehem il-Kapitlu tal-Katidral, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, il-Kapitli tal-Kolleġġjati l-oħrajn kollha ta' Malta, il-Kulleġġ tal-Kappillani u l-ordnijiet Reliġjużi kollha ta' Malta.

## PRIM IMĦALLEF U PRESIDENT TAL-QORTI TA'L-APPELL

Wara r-riżenja ta' Sir Arturo Mercieca, l-Imħallef Anzjan il-Professur Edgar Ganado ġie maħtur bħala Aġent Prim Imħallef sakemm fl-1 ta' Jannar, 1941, l-Avukat Dr. GEORGE BORG ġie maħtur Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re. Huwa ħa l-ġurament ta' lealtà u ta' l-uffiċju tiegħu fil-Palazz tal-Gvernatur quddiem il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv presjedut mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir William Dobbie. L-aħbar tal-ħatra ta' l-Avukat DR. GEORGE BORG bħala Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell kienet ġiet imxandra fil-ħarġa ta' "The Times" ta' Londra tal-31 ta' Diċembru, 1940.

Hawnhekk, huwa mportanti li ngħidu li fil-5 t'Awissu, 1939, kienu ġew ippubblikati r-"Regolamenti ta' l-1939 għal Malta dwar id-Difiża" (*Malta Defence Regulations*, 1939). Dawn attwalment kienu miżura ta' emerġenza għal żmien il-gwerra sabiex l-awtoritajiet joffru aktar sigurtà u ħarsien xieraq lis-soċjeta' ta' dawn il-Gżejjer fi żmien meta l-għadu kien qiegħed iħejji biex jaħbat għal pajjiżna.

Wieħed mill-passi ta'emerġenza li ttieħdu skond dawn ir-Regolamenti kien jirrigwarda l-Qrati, fis-sens li s-sistema tal-ġuri ġiet għall-mument sospiża u għaldaqstant, il-Kunsill tal-Gvern kien għadda liġijiet biex każi ta'offiżi kontra dawn ir-Regolamenti u atti kriminali oħrajn jibdew jinstemgħu quddiem Qorti magħmula minn tlett Imħallfin. Il-kompożizzjoni tal-Qorti bi tlett Imħallfin kienet........

**ikompli f'ħarġa oħra**

Replacement Cores
and Complete Radiators



MEDCOR
RADIATORS LIMITED
Żebbuġ - Malta. Tel: 464647 Fax: 464095

SIGMA PAINTS

THE MOST EXTENSIVE PRODUCT RANGE ON THE MARKET

SIGMA
COATINGS

Ask your local ironmonger and insist on
SIGMA PAINTS

for further enquiries please contact
SIGMA COATINGS (MALTA) LTD.
Tel: 448382, 495413 - Fax : 491145

ikompli minn paġna 24

L-Emendi kif proposta mill-Kunsill ta' l-Għaqda hija din: Artiklu 7 jiġi jinqara hekk: Dawk il-Pensjonanti li għalqu l-65 sena għandhom ukoll iħallsu l-kontribuzzjoni ta' L.M.I. (Lira) fis-sena.

## RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sur Louis Muscat is-Segretarju ressaq dan ir-rapport tiegħu, huwa qal li l-laqgħat tal-Kunsill saru regolari kull xahar u li l-attendenza tal-membri dejjem kienet tajba. Kif ġie iffurmat il-Kunsill il-ġdid iltaqgħa ma' problema billi l-Uffiċju tal-Police Association li konna niltaqgħu fih kellu jsir xogħol strutturali fih biex jiġi użat bħala uffiċċju ieħor. Dan kien it-tieni kas li kellna noħorġu minn fejn konna qed niltaqgħu u mmexxu x-xogħol tal-Għaqda, dan kien ifisser li kellna noħorġu l-għamara tal-uffiċċju tagħna fejn sibna li qiegħda fl-*store* tal-Quarter Master, u sal-lum għada hemm. Li ma kienitx id-determinazzjoni tagħna stajna tlaqna kollox. B'arranġamenti mall-Kummissarju u s-Sur Alfred Abela (Supretindent tat-Traffiku, l-lum Assistent Kummissarju) offrilna li niltaqgħu fil-Kamra tal-Konferenzi tat-Traffiku, fejn għandna niltaqgħu sissa.

Kummissjoni Entertainment, din reġgħet ġiet imwaqqfa mill-Kunsill, u qeda torganizza attivitajiet bħal ma jafu numru sabieħ ta' membri li ħadu sehem f'dak li organiżżat. Aħna nħeġġu lill-membri biex jieħdu parti f'dak li torganiżża din il-Kummissjoni.

Fost ix-xogħol li wettaq il-Kunsill matul is-sena li għaddiet kellna l-każi ta' għajnuna lill-membri sħabna b'xi problemi ma' dipartimenti tal-Gvern u Korporazzjonijiet.

Għamilna diversi attentati biex l-Għaqda takkwista dar bħala Club u Uffiċju tagħha, għal dan il-għan dejjem sibna l-għajnuna tas-Sur Ġorġ Grech il-Kummissarju, sissa xejn.

F'dak li jirrigwarda l-Magazine "Il-Pulizija" dejjem tgħajna l-għajnuna tagħna lil PC.Martin Ellul li hu responsabbli għal ħarġa tiegħu.

Good Conduct and Service Medal, dwar dawn il-midalji ma ħassejniex ġusta li għax xi ħadd ma għamiliex il-preżentazzjoni tagħhom dment li membri kienu għadhom iservu fil-Korp kif titlob il-Legal Notice, meta ġew ippreżentati baqaw b'xejn għax kien laħqu rtiraw wara hemm minn kellu 30 servizz. Din mhiex ġustizzja. Fuq dan is-suġġett konna ntqajna qabel l-elezzjoni ma' l-Onor. Dr. E. Fenech Adami Kastilja meta kien għadu Prim Ministru. Fl-istess żmien kellna laqgħa ma' Dr.Michael Farrugia, il-lum Ministru, kemm dwar il-midalji u dwar il-pensjoni.

Laqgħa oħra fit-tul saret ma' Dr.Alfred Sant Kap tal-Partit Laburista qabel l-Elezzjoni ta' Ottubru 1996, fejn spjegajnilu fit-tul dwar il-problema tal-pensjoni tal-pulizija fejn wieħed jista jitlef id-dritt tal-pensjoni tal-pulizija jekk hu jkun għamel xogħol ieħor wara li jkun spiċċa mill-korp u dan ikun bi ħlas inqas mill-pensjoni tal-pulizija peress li din tiġi stabbilita fuq l-aħħar tliet snin tax-xogħol tiegħu. L-Għaqda qed titlob li wieħed ikollu dritt li jgħażel fuq liema pensjoni jirtira mix-xogħol.

Wara l-elezzjoni kellna laqgħa ma' L-Onor.Joe Mizzi Ministru fl-Uffiċju tal-Prim Ministru dwar l-istess suġġetti, ma l-Onor. Ministru tas-Sigurta Soċjali Prof.Edwin Grech, u ma' Prof.Louis Buhagiar Segretarju Parlamentari għall-Anzjani, dawn il-laqgħat kienu kollha fuq is-suġġett tal-pensjonijiet tal-pulizija, u problemi oħra. Għamilna laqgħa wkoll ma 'l-Ex-Supretendent Angelo Farrugia M. P. li l-lum bħala Membru Parliamentari Dr.Farrugia tagħna l-għajnuna tiegħu u wara li qabel mat-talbiet tagħna għamel mistoqsija Parliamentari u fuq is-suggetti li semmejna.

Ktibna wkoll lill-Onor. Prim Ministru Dr.Alfred Sant fejn fraħnielu għall-ħatra tiegħu bħala Prim Ministru ta' Malta u fakkarnieh fuq il-laqgħa li kellna miegħu dwar diversi suġġetti li jolqtu lill-Pulizija Pensjonanti.

Qed nistennew appuntament ma' l-Onor.Ministru s-Sur Freddie Portelli dwar il-possibilità ta' lokal bħala club tal-Pulizija kif kellna barra Putirjal.

Is-Segretarju semma wkoll il-laqgħa li ta' kull sena l-Kummissarju s-Sur Ġorġ Grech u s-Sinjura tiegħu jgħamlu lill-Pulizija Pensjonanti u Nisa tagħhom fl-Ewwel Ħadd tas-Sena Ġdida fejn irringrazzja lilu u lill-Korp għal ospitalità li juru lejn dawk prezenti. Din il-laqgħa kull sena tibda b'quddiesa minn P.Raniero Zammit Direttur Spiritwali tal-Korp, u l-attendenza kull ma tmur dejjem qed tikber.

Attivita li se nibqgħu niftakru hija l-laqgħa li għamilna għall-pulizija pensjonanti Għawdxin wara arrangamenti mall-Kummissarju s-Sur Ġorġ Grech u Supretendent Paul Sammut li hu inkarigat minn Għawdex li kienet ta' suċċess u li din fethet it-triq għall-laqgħat oħra aktar il-quddiem. L-Għaqda tagħna tirringrazzja lil Għaqdiet kollha tal-Pensjonanti għall-istedin fil-laqgħat speċjali tagħhomu għal kull Seminar li jorganizzaw. Is-Sur Muscat għalaq ir-rapport tiegħu billi rringrazzja lill-President tal-Għaqda tagħna s-Sur J.M.Azzopardi, lill-Kunsill u l-membri tal-Għaqda għal koperazzjoni tagħhom fix-xogħol tiegħu.

## RAPPORT FINANZJARJU

Is-Sur Louis Vella s-Segretarju għall-Finanzi ressaq ir-rapport tiegħu dwar il-Finanzi tal-Għaqda, huwa qal li bi pjaċir il-membri qed jiżdiedu, però lmenta li membri antiki jitraskuraw milli jħallsu l-kontribuzzjoni tagħhom. Il-membri jridu japprezzaw li l-ispejjeż tal-Posta mhumiex żgħar speċjalment biex jintbagħt il-Magazine "Il-Pulizija" u kull ċirkulari tal-Għaqda.

Is-Sur Vella qara d-dettalji tar-rapport tiegħu dwar il-finanzi, huwa qal li l-għaqda ma daħal ebda finanzi minn sorsi oħra u jridu jkunu l-membri li jissapportjaw l-għaqda. Hu kompla jgħid li dik li m'għandniex lokal ta' uffiċċju tal-għaqda tellef il-kuntat bejn il-membri. Aħna dejjem qed nisperraw li fl-aħħar l-attentati tagħna jirnexxu. Importanti li dan il-post irid ikun il-Belt jekk hu possibli biex ikun faċli għall-membri li jattendu.

Ir-Rapport Amministrattiv u dak tal-Finanzi ġew approvati mill-Membri preżenti.

## EMENDA TA' L-ISTATUT ARTIKLU 7.

Is-Segretarju tkellem dwar l-Emenda għall-Istatut Artiklu 7, fejn qal li meta twaqqfet l-Għaqda fl-1980 dan l-Artiklu kien jeżenta lill-membri milli jħallsu l-kontribuzzjoni tagħhom jekk jkunu għalqu 65 sena w dan kien sar peress li l-posta kienet aktar irħisa u l-magazine kien jiġi ħafna irħas. Għal daqstant illum napprezzaw li meta membru joħroġ Lira fis-sena mhiex xi piż kbir li aħna l-pensjonanti ma nistawx nikkontribwixxu. Il-Membri preżenti approvaw din l-Emenda, u b'hekk il-kontribuzzjoni ta' Lira issa titħallas minn kull membru.

## AFFARIIIET OHRA

F'Laqgħa mall-Kummissarju s-Sur Ġorġ Grech ippropona l-ideja ta' "Day Centre" għal Pulizija Anzjani, u jekk ikun possibli titmexxa minnhom stess. Dan ikun possibli speċjalmemt jekk nakkwistaw il-lokal li nixtiequ u li jkun f'post ċentrali bħal Belt.

Kien hemm laqgħa oħra mall-Prof.Louis Buhagiar Segretarju għall-Anzjani ġo l-Isptar ta' San Vincenz li għaliha kienu preżenti l-President Joseph M.Azzopardi, Vincent P.Zahra Vici-President u s-Segretaju Louis Muscat. F'Din il-laqgħa l-Prof.Buhagiar talab lill-Għaqda tistax tgħati l-għajnuna tagħha f'Survey li se jgħamel F'St.Vincent de Paul hospital fuq numru ta' pazjenti. L-Għaqda wieġbet li lesta biex tiġbor membri tagħha biex jgħinu f'dan is-survey.

## MUTUAL HELP

L-Għaqda tagħna permess tal-Membri tagħha tkelmet waqt il-laqgħa ġenerali tagħha dwar din l-għajnuna lir-romol tal-Pulizija li jmutu, fejn il-ħlas li konna nsibuh tat-tmintax irbigħa (2/6) l-lum 25c. għal kull żewġ pulizija li jmutu u li jiġi LM.3 fis-sena, fejn ilu żmien ma jiġi rivedut, għandu jiġi mistħarreġ f'laqgħat ma dawk kollha konċernati fil-Korp. Il-laqgħa pproponit li ħlas għandu jkun ta' 25c għal kull pulizija li jmut flok għal kull tnejn, b'hekk jibda jitħallas 50c.

## GHELUQ MILL-PRESIDENT

Is-Sur Joseph M.Azzopardi fid-diskors ta' l-għeluq irringrazzja lill-Kummissarju s-Sur Ġorġ Grech għall-għajnuna li dejjem ta' lill-Għaqda, lis-Sur Alfred Abela Assistent Kummissarju li għamel għad-dispożizzjoni tal-għaqda s-Sala tal-Konferenzi tat-Traffiku fejn qed jiltaqgħa l-Kunsill. Is-Sur Azzopardi lmenta li n-numru ta' membri kellhom ikunu aktar, bħal ma jkunu fl-Ewwel Ħadd tas-sena biex b'hekk wieħed ikun qed jipparteċipa aktar dirett fit-tmexxija tal-għaqda. Huwa tkellem ukoll dwar il-problema tal-penzjonanti kif spjega s-Segretarju fir-rapport tiegħu, kif ukoll fuq il-problema ta' Uffiċċju jew Club tal-Għaqda biex ix-xogħol u l-kuntatt mall-Membri ikun aktar ta' spiss.

Il-President għalaq id-diskors tiegħu billi ħeġġeġ lil dawk preżenti biex meta jiltaqgħu ma' sħabhom għandhom dejjem jispjegawlhom li l-interess fl-għaqda għandu jkun billi jattendu kull laqgħa u attivita li torganiżża l-għaqda.


MEDORO
"Medoro Bar"
in Elm Burr Walnut
in perfect synthesis
with its surroundings
fino
C. FINO + SONS LTD
Mriehel
fino GROUP



# MORE FOR LESS

MALTA TAX FREE AIRPORT SHOPPING

**Shop at Malta International Airport's Tax Free Shopping Centre. You'll find our prices irresistible and our range of products impressive.** Spirits, tobacco, perfumes, hi-fi, electronics, jewellery, watches, stationery, soft toys, souvenirs, skincare products, leather goods and accessories, casual wear, confectionery, pick 'n' mix sweet shop, delicatessen and fine wines, costume jewellery, sportswear and accessories, music and video products and of course, our own Island Bar and Cafeteria to sit back and relax as you await your flight.

FOR FURTHER INFORMATION PLEASE CALL FREEPHONE NUMBER: 0800 77 66 88.